MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 7/2011

**Michael Zammit**

**Vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Michael Zammit** ipprezentat fit-23 ta' Awissu 2011 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi huwa VRT Licence Holder number LTD/38/98/123*

*Illi hwa rcieva kommnika minn Transport Malta maghmula tramite l-Manager Tekinku Carmel Abela li ggib id-data tat 2 ta Awissu rigwardanti test fuq il-vettura IAP -185, li sehh nhar id-29 ta' Lulju 2011 u li permezz taghha is-sur Zammit iddifidat b'1280 punti bil-konsegwenza li gie mmultat il-piena massima ta' € 11,600. (Kopja Dok A).*

*Illi din id-decizjoni hija wahda skorretta, illegali u ingustifikata, u li biha l-esponenti hass ruhhu aggravat, u ghalhekk l-esponenti qed jirreferi l-kaz tieghu ghal quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-*

*(1) Illi lewwel lok fl-ittra mibghuta lilu ma giex specifikat jekk din l-ittra u l-penalitajiet kontenuti fiha gewx addebiti lil Michael Zammit personalment bhala tester licenzjat, jew inkella hux lil istess Michael Zammit bhala l-operatur. Jirrizulta illi hemm persuna ohra licenzjata lit opera minn l-imsemmi garax ta' VRT. Tali nuqqas ta' kjarezza, li anke jaffettwa d-dritt t' l-individwu dwar kif l-ahjar jiddefendi ruhhu, ghandu per konsegwenza iwassal ghan-nullita ta' l-avviz mahrug minn l-intamat datat it-2 ta' Awissu 2011.*

*(2) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-esponenti ma jaqbilx ma whud min-nuqqasijiet addebiti lilu:-*

*2.1:- L-esponenti gie iddiffidat fuq il-fatt illi l-vettura kellha 'two weheel studs missing'. Dan in-nuqqas cioe ta' xi 'wheel stud' ma jiffigurax fit-tnax il-skeda ghal Avviz legali 126/1998 (Motor Vehicle Roadworthiness Test Regulations), u ghalhekk huwa qatt ma seta jigi misjub hati ta' xi haga li ma tinstbx fil-ligi. Minghajr pregudizzju ghal dan jinghad illi din kienet vettura tat-tip landrover li r-roti taghha ikollhom hames studs biex jintrabtu. Tnejn minn l-erba' roti kellhom erbgha studs flok hamsa. Dan peress illi l-istuds neqsin ma kinux ghadhom jorbtu sew, tant li kienu fl-vettura. Fl-opinjoni ta' l-esponenti b'erba studs fuq kull rota din kienet xorta wahda sikura u assolutament ma kien hemm l-ebda perikklu u kien ghalhekk illi huwa emmen illi dan in-nuqqas ma kienx wiehed illi ghandu jwahhal it-test. Safrattant huwa xorta gibed l-attenzjoni tas-sid sabiex isib studs opportuni flok dawk nieqsa. Huwa ghalhekk ma jhossx illi ghandu jkun hati ta' dan in-nuqqas.*

*2.2:- L-excessive engine oil leak ; steering damper leaking oil; ubreak fluid leak ma jirrizultawx. Li gara huwa illi qabel ma mar ghal VRT is-sid tal-vettura kien hasel il-magna tal-vettura bid-diesel bil-konsegwenza illi kien baqa xi likwidu jnixxi izda li zgur ma kienx zejt tal-magna; jew ta' l-isteering, jew tal-break. Dan kif ser jigi pruvat aktar fid-dettal fis-smigh ta' dan il-kaz. Illi oltre dan, dan in-nuqqas cioe dawn it-tlett leakeges ma jiffigurawx fit-tnax il-skeda ghal Avviz legali 126/1998 (Motor Vehicle Roadworthiness Test Regulations), u ghalhekk huwa qatt ma seta jigi misjub hati ta' xi haga li ma tinstbx fil-ligi.*

*2.3 qed jigi allegat illi t-test tal-parking break ma ghaddiex. Dan huwa ikkontestat ghaliex fil-verita t-test tal-parking break ghadda, kif jikkonferma l-istes test.*

*2.4. Illi l-awtorita tghid illi in-nuqqasijiet msemmija fit-2.1 u fit-2.2 jirrizultaw minn paragrafu numru 7 tat-12 il-skeda (regulation 21). Dan il-paragrafu numru 7, jitratta biss 'Faiulure to carry out the correct test procedure as stipulated in the VRT manual and its amendments…… ' u kwindi qed jirreferi ghal procedura li ghandha tigi segwita u mhux ghan nuqqasijiet fil-mertu attribwiti lil esponenti*

*Illi anke dato sed non concesso jekk wiehed kellu jargumenta illi dawn in-nuqqasijiet imsemmija fil-paragrafi 2.1 u 2.2 irrizultaw; l-esponenti qatt ma kellu jehel ghoxrin punt fuq kull wiehed min n-nuqqasijiet izda ghoxrin punt ghal darba wahda biss, cioe talli ma gietx segwita din il-procedura korrettament. Bhala artikou ta' natura penali dan l-artikolu ghandu jigi nterpreatat b'mod ristrett u kwindi galabarba dan l-artikolu numru 7 jghid biss li ghandu jitnqaqqsu 20 punt jekk ma tigi segwita din il-procedura, dawn ghandom ikunu ghoxrin punt biss u mhux ghoxrin punt ghal kull allegata vjolazzjoni. Dan ma jirrizultax mil-ligi.*

*2.5 Illi kemmm il-darba jonqsu dawn il-punti li bihom l-esponenti gie ammonit indebitament, dan jaqa that ic-cifra ta' mitejn u hamsin punt u kwindi l-penali ta' elf punt attribwita per konsegwenz, taqa' wkoll.*

*3.Illi finalment l-esponenti jemmen illi l-impozizzjoni ta' piena addizzjonali ta' elf punt ai termini ta' l-avviz legali 65:15; li tirrizulta wkoll fl-artikolu 21 (3) ta' l-avviz legali 43/2008 hija wahda li timpani piena doppja ghal l-istess nuqqas/offiza u bhala tali tikser id-drittijeit fundamentali tieghu kif sabnciti mill-kostituzzjoni u minn l-att tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-individwu ikun gia wheel multa taht l-artikolu 21 (1) izda ghal l-istess offiza li taghha jkun gia mmultat, huwa qed jerga jigi mmultat taht is-subartikolu tlieta (3) peress illi jkun nstab hati ta' aktyar minn offiza wahda. Dan jikkostitwixxi pieni doppja ghal l-istess offia u kwwindi jmur kontra l-atikolu 39 (9) tal_Kostituzzjoni ta'Malta u kontra l-Artikolu 4 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 tal-Ligijeitta' Malta.*

*Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjonit a' dan ir-rikors, l-esponenti qedjitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka in toto d-decizjoni tal-Awtorta Ghat-Trasport f"Malta tat-2 ta' Awissu 2011 fuq indikata."*

Ra r-risposta ta' **l-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**ipprezentata fit-30 ta' Settembru 2011 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"1. Illi l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet tal-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-appellanti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez u dana peress illi d-deċiżjoni in kwistjoni hija legali, ġusta u għandha tiġi kkonfermata.*

*3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Ra l-verbal tas-16 ta' Dicembru 2011 fejn Dr. Kevin Mompalao talab lil dan it-Tribunal jissoprassjedi pendenti proceduri kostituzzjonali li intavola r-rikorrent;

Ra l-verbal tal-1 ta' Gunju 2012 fejn Dr. Kevin Mompalao irtira t-talba ghas-soprasessjoni mitluba precedentement;

Ra x-xhieda tar-rikorrent,[1] ta' Domenic Zammit,[2] ta' Lawrence Caruana[3] u ta' Lino Abela;[4]

Sema' xhieda ta' Lino Abela[5] u George Farrugia;[6]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 2 ta' Awissu 2011 li biha gie informat bis-segwenti:-

*"Please be advised that on the 29th July 2011 Transport Malta Technical Officers had carried out a VRT inspection at your premises. Upon arrival of the TM Technical officers,*

1 A fol. 31 sa 33
2 A fol. 38 sa 39
3 A fol. 52 sa 53
4 A fol. 54 sa 59 u a fol.71
5 A fol. 71 u minn fol. 78 sa 96
6 A fol. 72 sa 75 u minn fol. 97 sa 103

*vehicle bearing registration number had just finished the VRT test where according to your result the vehicles had passed the test on all the mandatory items. Following a second VRT test just a few minutes after the first test; the vehicle resulted to fail on the folloing items:*

- ***2 wheel studs missing (20)***
- ***Working with faulty lights testing equipment (50)***
- ***Excessive engine oil (20)***
- ***Brake fluid leak on front left wheel (20)***
- ***Service braking system failed (100)***
- ***Parking brake test failed (20)***
- ***Steering damper leaking oil (20)***
- ***VRT station not clean and unsafe (30)***

*The test was conducted by Michael Zammit Licence number LTD/38/98/123*

*Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule item 7(x4) , 29, 12, 13 and 28, you are therefore being penalised the sub total points of 280 points (Two hundred and eighty points). Furthermore according to Legal Notice 65:15 item 26 an other 1000 points are being applied.*

*The total points are 1280 that are equivalent to the maximum fine of €11,600."*

Illi r-rikorrent **Michael Zammit** spjega illi huwa kien ikkonduca l-*VRT* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAP-185 filwaqt li kellu lil ibnu Domenic Zammit jassistih. Jghid illi huwa kien gibed l-attenzjoni ta' sid il-vettura li l-magna kienet imxarrba bid-*diesel* pero huwa qallu li kien proprju hadha ghand il-mekkanik jumejn qabel ghax kien qieghed jillikja d-*diaphram* tal-pompa tad-*diesel* u sewwiha. Sussegwentement, meta inqala' dan il-kaz, huwa kien talbu r-ricevuti tal-mekkanik u fil-fatt dawn gew esebiti bhala Dok MZ1 a fol. 34.

Rigward l-*steering damper* ir-rikorrent spjega li din kienet haga li ma tistghax tigi ccekkjata bil-magni. Fil-fatt meta sar it-tieni test ir-rikorrent qalaghielu u sabha tajba u l-vettura ghaddiet kif kienet.

Fir-rigward tat-*test* tal-brejkijiet jghid li dan ghamlu hu stess u ma kienx hemm problemi. Jghid li meta marru l-ispetturi fil-garage tieghu huwa rega' ghamel it-test tal-brejkijiet u dawn gew *failed* u dan probabilment ghax it-tifel tieghu, li dak il-hin kien qed jikkonduci t-test, ghafas izzejjed u mar *seal* minn god-*drum.*

Ghalhekk gara illi peress li beda hiereg il-*fluid* kien hemm zbilanc bejn il-brejkijiet tal-vettura. Jghid li dan huwa test permezz ta' magna u kieku meta ittestja l-brejkijiet nhasset xi forma ta' zbilanc il-magna kienet se timmarkah.

Fir-rigward taz-zewg *wheel studs* neqsin ikkonferma li dawn fil-fatt kienu neqsin pero jispjega li s-sid kien infurmah li kien ghadu kemm biddel ir-roti ta' wara u ma kienx ghamel l-istess skorfini peress li ma kienx kuntent bil-forma tal-kamin li kellhom u ried jixtri l-godda. Ir-rikorrent spjega li l-vettura ghaddiet xorta mit-*test* ghax hu deherlu li l-vettura xorta kienet sigura.

**<u>Domenic Zammit</u>** xehed li jigi iben ir-rikorrent u li jahdem bhala mekkanik u *VRT tester*. Jghid li fir-rigward tal-vettura in kwistjoni huwa kien qed jghin lil missieru jikkonduci t-*test*. Jghid li l-magna kienet mahsula bid-*diesel* pero sid il-vettura spjegalhom li kien hadha ghand mekkanik u bidlilha l-pompa tal-*fuel*. Jghid li waqt il-*VRT* il-magna tishon iktar milli meta vettura tintuza fit-triq u ghalhekk id-*diesel* li kellha maghha daghab kemm kemm u qattar ghal taht il-magna.

Fir-rigward tal-*steering damper* spjega li biex wiehed jezaminah sew irid jidhol taht il-vettura ezatt. Jghid li ghalkemm l-ufficjali tal-Awtorita` jikkontendu li kien hiereg iz-zejt minn dan l-*steering damper* dan ma kienx minnu ghax waqt it-test ma rrizulta xejn u li kieku veru kien qed jillikja z-zejt l-ufficjal kien jiccappas biz-zejt.

Fir-rigward tal-*break fluid leak oil* jghid li t-test sar kif titlob is-sengha u li dan it-test isir permezz tal-kompjuter. Fir-rigward tal-brejkijiet jispjega li meta sar ir-*retest* li seta' gara hu li ghafas il-pedala tal-brejk iktar milli suppost u allura nfaqa' s-*slave cylinder seal* u beda hiereg iz-zejt.

Fir-rigward tal-*parking break* ix-xhud spjega li fiz-zewg testijiet dan ta rizultat ta' *pass*.

Fir-rigward taz-zewg skorfini tar-roti jghid li veru kienu neqsin. Jispjega illi vettura normali jkollha erba' skorfini f'kull rota pero din partikolari kellha hamsa. Jghid li missieru gibed l-attenzjoni ta' sid il-vettura fuq dan il-fatt u

qallu biex jerga' jaghmilhom pero deherlu li mill-esperjenza li ghandu, kif kienu, ma kinux ta' periklu.

**<u>Lawrence Caruana</u>**, sid il-vettura in kwistjoni, xehed illi qabel mar jaghmel il-*VRT* in kwisjtoni huwa kien mar isewwi l-pompa tad-*diesel* ghand mekkanik f'Haz-Zebbug. Jghid li l-istess mekkanik kien naddaf il-pompa bid-*diesel* stess wara li rranagaha.

Fir-rigward tal-*steering damper* jghid li m'hemmx sistema kif ticcekkjah ghax qieghed *sideways* u mhux *up and down*. Fir-rigward tal-iskorfini tar-roti tal-vettura jghid li r-rikorrent kien qallu biex imur jixtrihom halli jwahhalhom pero li minkejja dan in-nuqqas il-vettura xorta kienet sigura.

Fir-rigward tal-*brake fluid* jghid li dan ma kellu xejn hazin waqt l-ispezzjoni tal-*VRT* pero f'hin minhom tela' wiehed mill-ispetturi tal-Awtorita` u beda jaghti kemm jiflah fuq il-brake tant li beda jillikja. Mistoqsi jekk fil-fatt kienx it-tifel tar-rikorrent li kien tela' fil-vettura u mhux spettur tal-Awtorita`, huwa wiegeb li ma jafx.

**<u>Lino Abela</u>**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi fid-29 ta' Lulju 2011 ghamlu *spot check* fil-*VRT station* tar-rikorrent u dak il-hin kien ghadu kemm tlesta l-*VRT* fuq il-vettura in kwistjoni. Huma talbu lir-rikorrent jerga' jaghmel dak il-hin stess *retest* u ndunaw li l-vettura kellha zewg skorfini neqsin u li t-*testing equipment* tad-dwal tar-rikorrent ma kienx qed jahdem. Il-vettura kellha wkoll *excessive engine oil* u *leakage* ta' fluid niezel fuq id-*disc* tal-*brake*.

Jispjega illi hemm differenza bejn l-*engine oil* u d-*diesel* ghaliex l-ewwel wiehed ghandu *viscosity* iktar hoxna u kwazi trasparenti filwaqt li d-*diesel* ghandu riha differenti u jkun iswed ghax jithammeg malajr.

Huwa jkompli jghid li sabu wkoll l-*steering damper* jillikja u li l-*VRT station* kienet mhux sigura u mahmuga b'hafna imbarazz u zjut mal-art. Jispjega wkoll illi huma raw iz-zejt mar-roti. Jghid li l-*brake* kien 24% *efficiency* u ghalhekk kien taht il-limitu li huwa ta' 25%.

In kontro-ezami ix-xhud stqarr illi ladaraba il-manifattur ta’ din il-vettura partikolari harigha b’hames *wheel studs*, dawn iridu jkunu kollha hemm biex il-vettura tkun sigura. Mistoqsi jekk l-*steering damper* huwiex xi haga zejda, ix-xhud wiegeb li fuq *four wheel drive*, id-*damper* huwa necessarju u li f’dan il-kaz kien qed jillikja l-*hydraulic oil*. Mistoqsi jekk hu qattx kellu argumenti personali mar-rikorrent qabel inqalghet din il-kwistjoni huwa jghid li qatt ma kellu xejn ta’ sustanza.

Mistoqsi jekk setghax inqata’ *seal* tal-*break fluid oil* dak il-hin tat-*test* b’ghafis eccessiv tal-istess *brake*, ix-xhud wiegeb li l-fatti ma kinux juru hekk peress li kien hemm kwantita ta’ zejt mar-rota.

Meta mistoqsi kif fuq it-tieni *test* hemm li l-*parking brake* gie *failed* meta r-rizultat jidhol fil-parametri mnizzlin fuq l-istess test, ix-xhud wiegeb li ma jafx ghaliex gara hekk.

**George Farrugia**, *technical officer* mal-Awtorita` intimata, xehed illi hu u Lino Abela kienu qed jaghmlu *random spot check* fuq il-vettura in kwistjoni fil-*VRT station* tar-rikorrent. Huma talbu lir-rikorrent jerga’ jaghmel it-test fuq l-istess vettura u m’ghaddietx. Huwa jispjega li sabu zewg skorfini neqsin tar-roti, l-apparat li jittestja d-dawl kien bil-hsara, sabu roqgha zejt tahtha, ir-roti mcappsin biz-zejt, it-test tal-*brakes* gie *failed*, id-*damper* tal-*steering* jillikja. Osservaw ukoll illi l-i*station* kienet mahuga b’hafna landi u bicciet u kaxxi vojta.

In kontro-ezami x-xhud qal li huma raw il-*braking fluid* mar-rota tax-xellug ta’ quddiem. Dan jaffettwa l-efficenzja tal-*braking system* u fil-fatt fit-tieni *test* il-vettura ma ghaddietx minn dan l-aspett. Mistoqsi jekk it-tixrib li kien hemm mal-magna setghax kien *diesel*, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi wara dan ir-riassunt tal-punti saljenti tax-xhieda mressqa quddiem dan it-Tribunal, se jigi ndirizzat l-ewwel aggravju tar-rikorrent u cioe illi l-avviz mahrug mill-Awtorita` intimata fit-2 ta’ Awissu 2011 huwa null stante li ma giex specifikat jekk il-penalitajiet gewx addebitati lir-rikorrent qua *tester* jew qua operatur ta’ *VRT Station*.

Illi dan it-Tribunal jibda biex josserva illi l-Avviz in kwistjoni huwa indirizzat lir-rikorrent. Fl-istess avviz wiehed isib li t-test in kwistjoni gie kondott mir-rikorrent innifsu u dwar dan m'hemmx kontroversja peress li r-rikorrent stess jistqarr li kien hu li ikkonduca t-test.

Illi pero jekk wiehed jaghti harsa lejn in-nuqqasijiet imsemmija fl-istess Avviz isib li huma elenkati fit-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 u li jirrelataw ma' **"Sistema ta' Punti ta' Penalita` uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita' li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' operatur."** Illi jigi rilevat illi t-Tnax-il Sekda kif kienet vigenti fil-mument li nhareg l-Avviz de quo kienet tinkludi zewg Taqsimiet u cioe dik appena citata u Taqsima ohra intitolata **"Sistema ta' Punti ta' Penalita` uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita` li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kundizzjonijiet ta' persuna li jkollha licenza biex tittestja."**

Illi jirrizulta illi fl-Avviz impunjat gew indikat dawk in-nuqqasijiet abbazi tal-ewwel Taqsima u cioe dik relatat mal-obbligi tal-operatur. Illi ghalkemm il-mod kif inhareg l-Avviz de quo m'hu xejn felici, it-Tribunal ma jarax lok li ghandu janulla l-Avviz odjern ghaliex hemm indikazzjoni li l-punti kienu qed jitnaqqsu *qua* operatur. Dan barra l-fatt li hemm imnizzel ukoll li kienu qed jitnaqqsu wkoll 1000 punt addizzjonali ai termini tal-partita 26 tal-imsemmiija Tnax-il Skeda li jirrigwarda *"Punti ta' penalita` addizjonali lil operaturi li jkollhom hames kontravenzjonijiet b'total ta' ghallinqas 250 punt"* **liema partita tapplika biss fir-rigward ta' operatur u mhux fir-rigward ta' persuna li tittestja.**

Illi ghalhekk l-ewwel aggravju tar-rikorrent qieghed jigi michud.

Illi t-Tribunal sejjer issa jghaddi ghall-mertu proprju dwar in-nuqqasijiet riskontrati.

Illi jibda biex jigi rilevat illi fit-trattazzjoni orali tieghu, id-difensur tal-Awtorita` intimata ikkonceda illi n-nuqqas dwar il-**parking brakes** jirrizulta li huwa zball u li ghalhekk ma kellhomx jitnaqqsu l-20 punt ta' penalita`. Dawn huwa wkoll ikkonfermat mir-*retest* li sar fil-presenza tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata.

Illi maghmula din l-osservazzjoni, it-Tribunal se jghaddi biex jevalwa n-nuqqasijiet l-ohra ravvizati mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata.

Illi skond l-Avviz impunjat dawn kienu s-segwenti u cioe:-

1. ***2 wheel studs missing (20)***
2. ***Working with faulty lights testing equipment (50)***
3. ***Excessive engine oil (20)***
4. ***Brake fluid leak on front left wheel (20)***
5. ***Service braking system failed (100)***
6. ***Steering damper leaking oil (20)***
7. ***VRT station not clean and unsafe (30)***

Illi jirrizulta illi n-nuqqasijiet bin-numru 1, 3, u 4 gew applikati ghalihom 20 punt ta’ penalita` kull wiehed skond partita numru 7 tar-Regolamenti ta’ l-2008 li jemendaw ir- **-Regolamenti dwar Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq** u cioe jekk persuna *“Tonqos milli tesegwixxi korrettement il-procedura tat-test kif stipulat fil-manwal tal-VRT u –emendi li jkunu saru ghalih jew li tirregistra data korretta tal-vettura kif stipulat fil-manwal tal-VRT qabel ma taghmel test ufficjali fuq dik il-vettura partikolari.”*

Illi ma hemmx kontestazzjoni li **r-roti ta’ wara** kellhom skorfina kull wahda nieqsa minnhom. L-argument imressaq mir-rikorrent hu li l-vettura ghaddiet ghax skond hu xorta kienet sigura ghat-triq. It-Tribunal ma jaqbilx ma’ dan il-mod ta’ ragunament. La darba vettura giet manifatturata b’hames skorfini fir-roti allura m’ghandhiex ikollha inqas minn hekk. Fil-fatt sid il-vettura kien qal lir-rikorrent li kien se jaghmilhomlha. Kwindi minn dan l-aspett ir-rikorrent jirrizulta li naqas u l-punti ta’ penalita` huma gustifikati.

L-istess huwa gustifikat l-imposizzjoni ta’ punti ta’ penalita` rigward **l-apparat li jittestja d-dwal**. Dan jirrizulta li ma kienx qieghed jiffunzjona fil-hin tat-test u r-rikorrent ma ta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghal dan.

Illi dak li gie l-iktar kontestat u li l-iktar iggenera dibattitu f'din il-kawza kien jekk il-**likwidu li nstab mal-magna** kienx *leak* tal-*engine oil* jew inkella *diesel*. Filwaqt li r-rikorrent jikkontendi li dan kien *diesel* li bih inhaslet il-magna xi jumejn qabel, l-ispetturi tal-Awtorita` intimata jghidu li dan kien zejt tal-magna. L-ispetturi isostnu dan stante li mill-esperjenza taghhom iz-zewg tipi ta' likwidi huma distinti minn xulxin u anke r-riha hija wahda differenti. Sid il-vettura, Lawrence Caruana ukoll xehed li l-magna kienet inhaslet bid-*diesel* mill-mekkanik li kien hadha ghandu xi jumejn qabel sar it-test in kwisjtoni.

Illi dan it-Tribunal ihoss li ghandu jaghti aktar kredibilita` lill-ispetturi tal-Awtorita` intimata peress li huma taw spjegazzjoni plawsibbli kif wiehed jista' jaghmel distinzjoni bejn *diesel* u *engine oil* u jirrizulta li kien abbazi ta' din id-distinzjoni li huma waslu ghall-konkluzzjonijiet raggunti minnhom.

Illi fir-rigward tan-nuqqas fis-***service braking system*** jirrizulta illi waqt it-test proprju r-rizultat gie 58[7] kif gie ukoll fit-tieni test.[8] Illi waqt ix-xhieda tieghu Lino Abela spjega illi t-tieni test ta rizultat ta' 24% efficiency meta l-*limit* huwa ta' 25%.[9] Pero t-Tribunal josserva illi l-brejkijiet isirulhom tlett (3) testijiet u cioe "*breaking efficiency % service", "breaking efficiency % emerg"* u *"breaking efficiency % parking"*. Illi l-*item* imnizzel fid-decizjoni tal-Awtorita` intimata huwa dak ta' *"service braking system"* li hija differenti minn *"emergency braking system"*. Filwaqt li huwa veru li l-*emergency braking system* gie persentagg wiehed taht il-*limit* fid-decizjoni taghha l-Awtorita` ghamlet referenza ghas-*service braking system* li kellu rizultat tajjeb. Ghaldaqstant dan it-Tribunal isib li l-imposizzjoni ta' 100 punt ta' penalita` mhux gustifikat.

Illi fir-rigward tal-***leakage* ta' zejt mill-*steering damper*** ir-rikorrent spjega li l-istess *damper* ma jistghax jigi ccekkjat bil-magni. Jghid li wara li l-ispetturi tal-Awtorita` intimata sabu dan in-nuqqas, sid il-vettura nizel Malta biex jara jsibx lil xi hadd biex jittestjalu din id-*damper* u gie infurmat li din ma setghetx tigi ittestjata bil-makkinarju izda riedet tigi iccekjata bl-idejn. Fil-fatt meta sid il-vettura kien rega' mar ghand ir-rikorrent ghat-tieni test huwa qalaghhielu u sab li hi tajba u l-vettura ghaddiet. It-tifel tar-rikorrent, Domenic Zammit, spjega illi kieku l-*isteering damper* kien qieghed jillikja kieku l-ufficjal tal-Awtorita` kien jiccappas bl-istess zejt.

---

7 Ara rizultat a fol 35
8 Ara rizultat a fol 36
9 A fol 57 u 58

Da parti taghhom l-ispetturi tal-Awtorita` intimata stqarrew illi meta dahlu taht il-vettura huma sabu li d-*damper* kien qieghed jillikja bir-rizultat li l-funzjoni tieghu ma baqghetx tahdem.

Illi skond il-manwal esebit minn Lino Abela u precizament Dok LA8 a fol. 67 tal-process jirrizulta illi *"fluid leakage from a steering damper seal or gland to such an extent that it is clar that the seal or gland has failed"* huwa raguni ghala vettura ma tghaddix mill-*VRT*.

Illi fuq dan il-punt dan it-Tribunal isib aktar affidabbli x-xhieda ta' Lino Abela u dan anke ghaliex jirrizulta car illi l-ispjegazzjoni li offrew kemm ir-rikorrent u kemm ibnu bl-ebda mod ma ikkonvincew lil dan it-Tribunal li n-nuqqas ravvizat mill-ufficjali tal-Awtorita` kien inezistenti.

Illi ghalhekk jibqa' biss il-kwistjoni dwar il-punti ta' penali imposti fuq ir-rikorrenti fir-rigward tal-fatt li l-***VRT station*** **kienet mahmuga u mhux sigura**. Ghal dan in-nuqqas ir-rikorrent gie sanzjonat b'tletin (30) punt ta' penali.

Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrent ma ddefenda ruhu bl-ebda mod tant li fix-xhieda tieghu ma jsemmi xejn dwar dan in-nuqqas. Min-naha l-ohra l-ufficjal tal-Awtorita` intimata Lino Abela jistqarr illi fil-*VRT station* in kwistjoni kien hemm hafna imbarazz u zjut mal-art li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-*VRT* u dwar dan esebixxa erba' ritratti immarkati bhala Dok LA1 u LA 2 a fol. 60 u 61 tal-process.

Illi mir-ritratti esebiti jirrizulta illi fl-*istation* kien hemm numru ta' kaxxi b'ghadd ta' oggetti fihom pero jirrizulta illi dawn kienu ppustjati mal-gnub tal-istess ambjent. Jirrizulta wkoll illi n-nofs tal-garage u cioe madwar il-*pit* kien liberu li wiehed seta' jdur ma' vettura jekk din tkun fuq l-istess *pit*. Illi fir-rigward ta' zjut mal-art, sfortunatament dan it-Tribunal ma tantx jista' jiehu idea taghhom mir-ritratti esebiti stante li ma gewx prodotti r-ritratti originali. Ghaldaqstant dan it-Tribunal ihoss li n-nuqqas allegatament riskontrat mill-ufficjali tal-Awtorita` ma giex sodisfacentement ippruvgat u kwindi l-punti penali imposti ghal nuqqas ta' ndafa u nuqqas ta' sigurta` ma humiex gustifikati.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-Awtorita` intimta, fl-opinjoni konsiderata ta' dan it-Tribunal, ma kinitx gustifikata li tnaqqas total ta' 150 punt mill-punti penali kollha li imponiet fuq ir-rikorrent u ghaldaqstant qieghdha tirrevoka d-decizjoni tal-istess Awtorita` parzjalment u fis-sens hawn fuq spjegat. Dan necessarjament iwassal ghat-tnaqqis tal-1000 punt ta' penalita` imposti u l-multa korrispettiva mill-istess Awtorita` intimata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel aggravju tar-rikorrent, jilqa' t-tieni aggravju fit-termini enuncjati iktar 'il fuq f'din id-decizjoni b'dana illi jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 2 ta' Awissu 2011 ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-imposizzjoni ta' punti penali ghal difetti fil-*parking brakes* (20 punt), fis-*service braking system* (100 punt) u li l-*VRT station* ma nzammitx nadifa u sigura (30 punt) u konsegwentement anke fir-rigward tal-elf (1000) punt ta' penalita` addizzjonali imposti ai termini tal-Partita 26 tat-Tnax-il Skeda tal-Avviz Legali 43 ta' l-2008 kif vigenti fiz-zmien li nharget id-decizjoni impunjata.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------